MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-22 ta' Lulju, 2015

Citazzjoni Numru. 1089/2011

Joseph **CACHIA** u martu Bernardette Cachia, Mario Borġ u martu Mary Borġ, Joseph Formosa u martu Rose Mary Formosa, Alfred Galea u martu Rita Galea, William Mock, Raphael Naudi, Alfred Spiteri u martu Maria Dolores Spiteri, Joseph Tabone u martu Marthese Tabone u Ronald Żarb u martu Rose Żarb

vs

**GO p.l.c. (C – 22334)**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors Maħluf imressaq fl-4 ta' Novembru, 2011, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissrin, l-atturi talbu li l-Qorti (i) ssib li l-atturi Borġ, Cachia, Mock, Spiteri u Tabone għandhom jedd li jieħdu pensjoni sa minn dakinhar li kienu "*medically boarded out*", u jiġifieri mis-27 ta' Marzu, 2010, t-2 ta' Jannar, 2010, il-21 ta' Mejju, 2009, s-7 ta' Lulju, 2007, u s-16 ta' Jannar, 2010, rispettivament, jew minn data oħra verjuri; (ii) tillikwida l-ammont ta' pensjoni li għandha titħallas lil kull wieħed minnhom bejn id-data stabilita fl-ewwel talba u l-31 ta' Ottubru, 2011, fis-somma komplessiva ta' mitejn u sbatax-il elf tmien mija u disgħa u sebgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 217,879.81) jew somma oħra verjuri, liema somma tinqasam bejniethom skond l-ishma rispettivi tagħhom, kif imfissrin fil-prospett mehmuż mar-Rikors Maħluf tagħhom bħala Dokument "A"; (iii) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas l-imsemmija somma likwidata ta' mitejn u sbatax-il elf tmien mija u disgħa u sebgħin euro u wieħed u tmenin ċenteżmi (€ 217,879.81) lill-atturi Borġ, Cachia, Mock, Spiteri u Tabone skond is-sehem rispettiv tagħhom; filwaqt li tikkundannaha tkompli tħallas lill-atturi Borġ, Cachia u Tabone l-pensjoni spettanti lilhom minkejja li għadhom ma laħqux l-eta' pensjonabbli; (iv) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi Naudi, Żarb u Galea s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf seba' mija u tmienja u għoxrin euro u ħamsin ċenteżmi (€27,728.50) li tirrappreżenta somma ekwivalenti għal sena pensjoni biex tagħmel tajjeb għad-differenza spettanti lilhom b'seħħ minn meta għalqu s-sittin (60) sena, u liema somma tinqasam bejniethom skond is-sehem rispettiv tagħhom, kif joħroġ fil-prospett mehmuż mar-Rikors Maħluf tagħhom bħala Dokument "A"; (v) bla ħsara għall-ewwel żewġ talbiet u sussidjarjament għall-istess, tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi Mock u Spiteri s-somma komplessiva ta' tmintax-il elf u sittax-il euro u ħamsin ċenteżmi (€ 18,016.50) li tirrappreżenta sena pensjoni biex tagħmel tajjeb għad-differenza spettanti lilhom b'seħħ minn meta għalqu s-sittin (60) sena, liema somma tinqasam bejniethom skond is-sehem rispettiv tiegħu kif muri fl-imsemmi prospett Dokument "A"; (vi) tikkundanna lill-kumpannija mħarrka sabiex tħallas lill-attur Formosa li jagħlaq sittin (60) sena fid-29 ta' Jannar, 2012, s-somma kapitali ta' tlieta u tletin elf tmien mija u tmienja u tletin euro u tmienja u ħamsin ċenteżmi (€ 33,838.58) li tirrappreżenta l-gratifikazzjoni maħduma billi kwart ($^{1}/_{4}$) minnha tkun multiplikata għal tnax-il darba w nofs (12.5) ta' dak il-kwart u l-bqija likwidata rappreżentanti l-pensjoni mistħoqqa b'seħħ mid-29 ta' Jannar, 2012, sad-data tal-għoti tas-sentenza, u mbagħad wara tkun kundannata tibqa' tħallsu dik il-pensjoni wkoll jekk ma jkunx għadu għalaq il-wieħed u sittin (61) sena; u (vii) bla ħsara għall-ewwel żewġ talbiet u sussidjarjament għall-istess fil-każ li l-imsemmija talbiet ma jintlaqgħux, tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi Borġ, Cachia u

Tabone l-pensjoni (magħduda magħha l-gratifikazzjoni b'seħħ minn meta jagħlqu s-sittin (60) sena) u, f'każ li fil-mori tal-kawża jilħqu jagħlqu s-sittin (60) sena meta tingħata s-sentenza, tillikwida lill-istess atturi l-pensjoni xierqa lilhom spettanti, u li tkompli tħallashom dik il-pensjoni wkoll jekk ma jkunux għalqu l-wieħed u sittin (61) sena. Talbu wkoll l-ispejjeż u l-imgħaxijiet legali b'seħħ mill-ittra uffiċjali tal-24 ta' Awwissu, 2011;

Rat id-degriet tagħha tal-14 ta' Novembru, 2011, li bih ordnat in-notifika tal-atti lill-kumpannija mħarrka u tat direttivi lill-atturi għat-tressiq tal-provi min-naħa tagħhom;

Rat it-Tweġiba Maħlufa mressqa mill-kumpannija mħarrka fil-21 ta' Diċembru, 2011, li biha u għar-raġunijiet hemm imfissra, laqgħet għall-azzjoni attriċi billi, wara li ġabret fil-qosor is-sintesi kronoloġiku tal-kwestjoni mismugħa u maqtugħa mill-Qrati dwar l-iskema ta' pensjoni, qalet li hija kienet waqqfet l-imsemmija skema f'Lulju tal-2009. Tgħid li l-imsemmija skema twaqqfet taħt il-qafas tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap 93) u mhux *ope sententiae*, liema skema tipprovdi għall-ħlas ta' pensjoni meta persuna tagħlaq il-wieħed u sittin (61) sena. Tiċħad li hemm xi sentenza li taħlaq stat bejnhom u bejnha li biha huma jistħoqqilhom jieħdu pensjoni mhux kif maħsub fl-imsemmija skema. Żiedet tgħid li l-atturi kollha f'din il-kawża aċċettaw skema oħra ta' irtirar volontarju bil-ħlas ta' kumpens sostanzjali mwettaq b'mod li tqies daqslikieku kull wieħed minnhom baqa' jaħdem magħha sa għeluq il-wieħed u sittin (61) sena. Fil-każ tal-attur Alfred Spiteri, dan kien aċċetta l-kumpens għas-saldu li tħallas mal-irtirar tiegħu u kien fl-istess waqt espressament irrinunzja għal kull dritt jew pretensjoni li seta' kellu kontriha. Tenniet tgħid li, wara li ħadu l-imsemmi kumpens, l-atturi ressqu talba minn wara daharha mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali biex jirċievu pensjoni tal-invalidita' u dan minkejja li kienu temmew l-impjieg tagħhom minn magħha, u kienu ġew "*boarded out*" bla ma hija kienet b'xi mod imdaħħla fil-proċess. Baqgħet ma ngħatatx ir-raġuni għaliex huma kienu "*boarded out*" u tgħid li mhijiex marbuta bil-konklużjonijiet tal-proċess li wassal għal dan, minkejja li l-atturi kienu rtiraw mix-xogħol b'mod volontarju. Għalhekk, il-kumpannija mħarrka eċċepiet li fir-rigward tal-atturi Borġ, Cachia, Mock, Spiteri u Tabone l-ewwel tliet talbiet safejn jitolbu l-ħlas ta' pensjoni minn meta għaddew bord ma kenux mistħoqqa ladarba huma kienu għażlu li jirriżenjaw mill-impjieg tagħhom u aċċettaw il-kumpens miftiehem qabel ma nedew il-proċess biex ikunu "*medically boarded out*" u dwar liema proċess hija ma kienet bl-ebda mod imdaħħla u lanqas marbuta bih. Fir-rigward tal-attur Spiteri, l-istess talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għaliex meta aċċetta li

jirtira qabel iż-żmien, kien laqa' l-kumpens offert u kien aċċetta l-ħlas għas-saldu ta' kull pretensjoni u ta' kull jedd ta' azzjoni li seta' kellu kontra tagħha. Dwar ir-raba' talba laqgħet billi qalet li l-atturi Naudi, Żarb u Galea kellhom jedd biss għal pensjoni mal-għeluq tal-wieħed u sittin (61) sena u mhux waħda mal-għeluq tas-sittin (60) sena, kif jippretendu. Dwar il-ħames talba, laqgħet billi qalet li għall-istess raġunijiet din ukoll mhijiex mistħoqqa. Żiedet tgħid li jekk kemm-il darba l-atturi mhumiex qegħdin jaċċettaw l-iskema ta' pensjoni mfassla minnha skond is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2008, imisshom iressqu proċeduri *ad hoc* u mhux jinqdew b'din il-kawża biex iressqu pretensjonijiet li mhumiex maħsuba fl-istess skema jew b'xi kummenti magħmulin *obiter* f'sentenza mogħtija f'kawża oħra[1] li ma tagħmilx ġudikat bejniethom dwar din il-kwestjoni. Temmet tgħid li s-sitt talba mressqa mill-attur Formosa saret qabel waqtha u ma jmisshiex tintlaqa' filwaqt li dwar is-seba' talba l-atturi ma għandhom l-ebda jedd jirċievu pensjoni malli jagħlqu s-sittin sena, u għalhekk ukoll it-talba saret qabel waqtha;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tat-18 ta' Ġunju, 2013[2], li biha l-kumpannija mħarrka irtirat it-tieni eċċezzjoni tagħha (relattiva għat-talbiet tal-attur Alfred Spiteri);

Rat in-Nota mressqa mill-atturi fis-6 ta' Jannar, 2012[3], li mehmużin magħha kien hemm ix-xhieda bl-affidavit tagħhom u provi dokumentali biex isostnu dik ix-xhieda;

Rat id-dikjarazzjoni magħmula waqt is-smigħ tas-7 ta' Frar, 2012[4], li biha l-partijiet qablu li l-Qorti kif presjeduta tibqa' tisma' l-kawża;

Semgħet ix-xhieda mressqa mill-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Semgħet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet;

Rat id-degrieti tagħha li bihom ħalliet il-kawża għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

Illi din hija azzjoni kollettiva għal-likwidazzjoni u ħlas ta' pretensjonijiet dwar pensjoni tas-servizz taħt l-iskema ta' pensjonijiet maħruġa mill-

[1] Riferenza għas-sentenza P.A. JZM 29.11.2011 fil-kawża Rik. Nru. 1176/09JZM (mhix appellata)
[2] Paġ. 374 tal-proċess
[3] Paġġ. 136 sa 200 tal-proċess
[4] Paġ. 202 tal-proċess

kumpannija li magħha huma kienu għal żmien impjegati. L-atturi, li lkoll irtiraw (jew, fil-każ tal-attur Joseph Formosa, kien wasal biex jirtira) mill-impjieg tagħhom mal-kumpannija mħarrka (minn issa 'l quddiem imsejħa "Go"), iridu l-ħlas ta' pensjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet[5] (aktar 'il quddiem imsejħa "l-Ordinanza") marbuta mad-data ta' meta jew kienu "*boarded out*" għal raġunijiet mediċi jew minn meta għalqu s-sittin sena, skond il-każ. Iridu li tkun likwidata s-somma xierqa ta' pensjoni marbuta mad-data ta' meta kienu "*boarded out*" għal dawk minnhom li kienu hekk milquta, jew, f'każ li l-Qorti ma tilqax dik it-talba, minn meta għalqu jew sejrin jagħlqu s-sittin sena, u mhux minn meta jagħlqu l-wieħed u sittin sena, kif trid Go;

Illi Go laqgħet għal din l-azzjoni billi fir-rigward l-atturi Borġ, Cachia, Mock, Spiteri u Tabone saħqet li l-ewwel tliet talbiet safejn jitolbu l-ħlas ta' pensjoni minn meta għaddew bord ma kenux mistħoqqa ladarba huma kienu għażlu li jirriżenjaw mill-impjieg tagħhom u aċċettaw il-kumpens miftiehem qabel ma nedew il-proċess biex ikunu "*medically boarded out*" u dwar liema proċess hija ma kienet bl-ebda mod imdaħħla u lanqas marbuta bih, u għalhekk lanqas hemm lok li tintlaqa' t-tielet talba tal-atturi msemmija. Fir-rigward tal-attur Spiteri, l-istess talbiet ma jistgħux jintlaqgħu għaliex meta aċċetta li jirtira qabel iż-żmien, kien laqa' l-kumpens offert u kien aċċetta l-ħlas għas-saldu ta' kull pretensjoni u ta' kull jedd ta' azzjoni li seta' kellu kontra tagħha. Dwar ir-raba' talba laqgħet billi qalet li l-atturi Naudi, Żarb u Galea kellhom jedd biss għal pensjoni mal-għeluq tal-wieħed u sittin (61) sena u mhux waħda mal-għeluq tas-sittin (60) sena, kif jippretendu. Dwar il-ħames talba, laqgħet billi qalet li għall-istess raġunijiet din ukoll mhijiex mistħoqqa. Żiedet tgħid li jekk kemm-il darba l-atturi mhumiex qegħdin jaċċettaw l-iskema ta' pensjoni mfassla minnha skond is-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2008, imisshom iressqu proċeduri *ad hoc* u mhux jinqdew b'din il-kawża biex iressqu pretensjonijiet li mhumiex maħsuba fl-istess skema jew billi jinqdew b'xi kummenti magħmulin *obiter* f'sentenza mogħtija f'kawża oħra li ma tagħmilx ġudikat bejniethom dwar din il-kwestjoni. Temmet tgħid li s-sitt talba mressqa mill-attur Formosa saret qabel waqtha u ma jmisshiex tintlaqa' filwaqt li dwar is-seba' talba l-atturi ma għandhom l-ebda jedd jirċievu pensjoni malli jagħlqu s-sittin sena, u għalhekk ukoll it-talba saret qabel waqtha;

Illi b'dikjarazzjoni magħmula mill-għaref difensur ta' Go waqt is-smigħ tat-18 ta' Ġunju, 2013, il-kumpannija mħarrka rtirat it-tieni eċċezzjoni tagħha dwar l-attur Alfred Spiteri;

[5] Ordin. XVII tal-1937 (Kap. 93)

Illi għal dak li jirrigwarda l-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-atturi kollha kienu impjegati ma' Go, u lkoll kemm huma kienu oriġinarjament impjegati ma' kumpannija bl-isem ta' *Cable & Wireless Limited* (aktar 'il quddiem imsejħa "C&W"). Meta twaqqfet il-Korporazzjoni Telemalta fl-1975, huma ngħaqdu fl-impjieg magħha meta l-imsemmija korporazzjoni ħadet responsabbilta' tal-ħidma li kienet tagħmel il-*Cable & Wireless*, u wara żmien il-korporazzjoni msemmija bdiet tissejjaħ Maltacom p.l.c. u, eventwalment, saret Go p.l.c. fl-2007;

Illi l-attur Mario Borġ twieled f'Awwissu tal-1954. Hu daħal jaħdem ma' C&W fl-1972 sa ma rtira qabel iż-żmien taħt skema ta' rtirar f'Settembru tal-2009[6]. Minħabba li kien ibati minn dipressjoni, kien inħariġlu ċertifikat mediku u ressaq talba mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali biex jitqies li kien "*boarded out*" medikament[7]. Wara li kien irtira minn ma' Go, f'Jannar tal-2010[8], huwa kien ressaq talba mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għall-għoti ta' Pensjoni ta' Invalidita'. B'ittra mibgħuta lilu fl-1 ta' Marzu, 2010[9], id-Direttur tad-Dipartiment għarrfu li kien instab minn Bord li ma kienx kapaċi għax-xogħol u għalhekk jistħoqqlu jieħu l-Pensjoni tal-Invalidita' b'seħħ minn Marzu tal-2010;

Illi l-attur Joseph Cachia twieled f'Ottubru tal-1953 u daħal jaħdem ma' C&W fl-1971. Huwa rtira minn ma' Maltacom qabel il-waqt taħt waħda mill-iskemi ta' rtirar fit-30 ta' Ġunju, 2009. Minħabba li kien ibati minn dipressjoni, kien inħariġlu ċertifikat mediku li kien jgħid li ma kienx għadu tajjeb biex jibqa' jaħdem u li kien imissu jkun "*boarded out*"[10]. Wara li kien irtira minn ma' Go, huwa ressaq talba għall-għoti ta' Pensjoni tal-Invalidita' mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali. B'ittra mibgħuta lilu fil-11 ta' Jannar, 2010[11], id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għarrfu li kien instab minn Bord li ma kienx kapaċi għax-xogħol u għalhekk jistħoqqlu jieħu l-Pensjoni tal-Invalidita' b'seħħ mit-2 ta' Jannar ta' dik is-sena fis-somma ta' € 126.86 fil-ġimgħa flimkien ma' ħlas ta' bonusijiet oħrajn;

Illi l-attur Joseph Formosa twieled f'Jannar tal-1952 u daħal jaħdem ma' C&W fl-1968. F'Settembru tal-2007, huwa nqeda minn fakulta' ta' rtirar qabel il-waqt taħt skema ta' rtirar[12];

---

6 Affidavit Dok "MB1", f'paġ. 160 tal-proċess
7 Dok "MB3", f'paġġ. 163 – 163A tal-proċess
8 Dok "MB4", f'paġġ. 164 – 8 tal-proċess
9 Dok "Ġ", f'paġ. 121 tal-proċess
10 Dok "JC4", f'paġġ. 151 – 9 tal-proċess
11 Dok "Ħ", f'paġ. 122 tal-proċess
12 Affidavit Dok "JF", f'paġ. 176 tal-proċess

Illi l-attur Alfred Galea twieled f'Diċembru tal-1949 u daħal jaħdem ma' C&W fl-1966. F'Settembru tal-2007 huwa kien irtira minn ma' Go taħt skema ta' rtirar qabel il-waqt[13];

Illi l-attur William Mock twieled f'Lulju tal-1950. Huwa daħal jaħdem ma' C&W fl-1966 u eventwalment matul l-2007, irtira qabel il-waqt minn ma' Go taħt waħda mill-iskemi ta' rtirar kmieni[14]. Wara li rtira, ressaq talba mad-Dipartiment tas-Sigurta Soċjali biex jingħata Pensjoni tal-Invalidita' minħabba raġunijiet mediċi[15]. B'ittra mibgħuta lilu fil-21 ta' Mejju, 2009[16], id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għarrfu li kien instab minn Bord li ma kienx kapaċi għax-xogħol u għalhekk jistħoqqlu jieħu l-Pensjoni tal-Invalidita', liema qagħda kellha terġa' tkun suġġetta għal eżami mediku fi żmien sena li kellu jistabilixxi jekk kienx għadu jistħoqqlu dik il-pensjoni;

Illi l-attur Raphael Naudi twieled f'Ottubru tal-1950 u daħal jaħdem ma' C&W f'Awwissu tal-1967. Huwa rtira mill-impjieg minn ma' Go malli għalaq il-wieħed u sittin sena f'Ottubru tal-2011[17];

Illi l-attur Alfred Spiteri twieled f'April tal-1950. Daħal jaħdem ma' C&W f'Jannar tal-1969 u rtira qabel il-waqt taħt waħda mill-iskemi ta' rtirar fit-30 ta' Ġunju, 2007[18] u dan b'seħħ mill-għada[19]. Huwa jgħid li kien korra waqt ix-xogħol u kien saħansitra fetaħ kawża kontra Maltacom fl-2000[20]. Minħabba kumplikazzjonijiet oħrajn li nqalgħu f'saħħtu, saret rakkomandazzjoni medika li huwa jkun "*boarded out*" għal raġunijiet mediċi[21]. Wara li rtira minn ma' Go, huwa ressaq talba mad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali biex jingħata Pensjoni tal-Invalidita'. B'ittra mibgħuta lilu fit-8 ta' Jannar, 2008[22], id-Direttur għarrfu li kien instab minn Bord li ma kienx kapaċi għax-xogħol u għalhekk jistħoqqlu jieħu l-Pensjoni li għaliha kien applika;

Illi l-attur Joseph Tabone twieled f'Settembru tal-1954. Huwa daħal jaħdem ma' C&W fl-1972 sa ma rtira volontarjament f'Lulju tal-2009 taħt skema mnedija minn Go dwar irtirar qabel il-waqt[23]. Wara li rtira mix-xogħol, kien ressaq talba mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali biex jibda jingħata l-Pensjoni tal-Invalidita' minħabba kundizzjoni medika kronika li

[13] Affidavit Dok "AG", f'paġ. 177 tal-proċess
[14] Affidavit Dok "WM1", f'paġ. 178 tal-proċess
[15] Dok "WM2", f'paġġ. 179 – 186 tal-proċess
[16] Dok "J", f'paġ. 124 tal-proċess
[17] Affidavit Dok "RN", f'paġ. 188 tal-proċess
[18] Affidavit Dok "AS1", f'paġ. 138 tal-proċess
[19] Dok "AS6", f'paġġ. 211 – 4 tal-proċess
[20] Ċitazz. Nru. 1296/00GCD maqtugħa fl-10.6.2004 favur l-attur (mhix appellata)
[21] Dokti "AS2" u "AS3",f'paġġ. 140 – 5 tal-proċess
[22] Dok "F", f'paġ. 120 tal-proċess
[23] Affidavit Dok "JT1", f'paġ. 190 tal-proċess

kellu u wara li kienu rawh tobba li sabu li kien jistħoqqlu jingħata dik il-pensjoni[24]. B'ittra mibgħuta lilu fit-2 ta' Marzu, 2010[25], id-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali għarrfu li kien instab minn Bord li ma kienx kapaċi għax-xogħol u għalhekk jistħoqqlu jieħu l-Pensjoni tal-Invalidita' b'seħħ mis-16 ta' Jannar ta' dik l-istess sena;

Illi l-attur Ronald Żarb twieled f'Marzu tal-1949. Huwa daħal jaħdem ma' C&W fi Frar tal-1968. Huwa rtira minn ma' Go f'Lulju tal-2007 taħt skema ta' rtirar qabel il-waqt. Beda jirċievi pensjoni minn Go malli għalaq il-wieħed u sittin (61) sena[26];

Illi bħala prova dokumentata[27] u mixhuda[28], waqt is-smigħ tal-kawża ħareġ li bejn l-1991 u l-2008 mal-mija u disgħa u tmenin (189) impjegat ta' Go u li kienu ġew "*seconded*" minn mas-servizz pubbliku kienu ġew "*boarded out*" għal raġunijiet mediċi u ngħataw il-pensjoni tat-Teżor, minkejja li ma kinux għadhom laħqu l-eta' tal-irtirar. Minn provi oħra dokumentali[29], jirriżulta li tlettax-il (13) impjegat ta' Go li nqdew bl-irtirar mill-impjieg qabel il-waqt kienu wkoll "*boarded out*" għal raġunijiet ta' saħħa;

Illi fl-1 ta' Lulju, 2009[30], tnediet l-iskema ta' pensjonijiet ta' servizz li ssejħet "*Go Service Pensions Scheme for ex-Employees of Cable & Wireless Limited*"[31] (aktar 'il quddiem imsejħa "l-iskema") u din b'seħħ lura mill-1 ta' Jannar tal-1975;

Illi b'seħħ mat-tħaddim tal-imsemmija skema, Go waslet fi ftehim ma' bosta mill-ħaddiema li għalihom kienet tgħodd;

Illi permezz ta' ittra uffiċjali tal-24 ta' Awwissu, 2011[32], l-atturi talbu lil Go biex, għar-raġunijiet hemm imfissra, tħallashom l-ammonti minnhom pretiżi taħt l-iskema sa dak iż-żmien;

Illi ladarba Go ma wettqitx dak li talbuha l-atturi, huma fetħu din il-kawża fl-4 ta' Novembru tal-2011;

Illi għal dak li jirrigwarda l-<u>konsiderazzjonijiet ta' xejra legali</u> marbuta mal-każ, jidher li l-azzjoni kollha tal-atturi tinbena fuq it-tħaddim u t-tifsir tal-

---

[24] Dokti "JT7" sa "JT9", f'paġġ. 197 sa 200 tal-proċess
[25] Dok "I", f'paġ. 123 tal-proċess
[26] Affidavit Dok "RZ", f'paġ. 189 tal-proċess
[27] Dokti "GM1" u "AC2", f'paġġ. 216 sa 233 u 319 sa 329 tal-proċess
[28] Xhieda ta' Grace Micallef 5.6.2012, f'paġġ. 234 – 6 u 240 – 1 tal-proċess
[29] Dokti "ACA" u "AC1", f'paġġ. 254 sa 308 u 318 tal-proċess
[30] Dok "G12", f'paġġ. 337 sa 348 tal-proċess
[31] Daħlet fis-seħħ bl-A.L. 167 tal-2009 (L.S. 450.06, imħassar b'A.L. 3 tal-2015)
[32] Dok "E", f'paġġ. 116 – 8 tal-proċess

jeddijiet stabiliti favur impjegati ta' Go bis-saħħa ta' sentenzi mogħtijin mill-Qrati Maltin dwar din il-kwestjoni mqanqla. Jidher ukoll li wħud mit-talbiet tal-atturi huma sussidjarji għal oħrajn f'din l-istess kawża u għalhekk ma jistgħux jintlaqgħu ilkoll. Xieraq ukoll li l-Qorti tosserva li l-atturi jisħqu li l-jeddijiet tagħhom taħt l-iskema li dwarha jitolbu l-likwidazzjoni u l-ħlas tal-pensjoni pretiża għandhom jitfissru wkoll fit-termini tal-Ordinanza;

Illi ma għandu jkun hemm l-ebda dubju li sies ewlieni għad-determinazzjoni tal-pretensjonijiet tal-atturi hija s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Lulju, 2008 fil-kawża fl-ismijiet "*Francis Paris et vs Maltacom p.l.c.*"[33] (aktar 'il quddiem imsejħa "s-sentenza tal-Appell") li stabiliet il-jeddijiet tal-impjegati ta' Go (u din bħala suċċessur fil-jeddijiet ta' l-Korporazzjoni Telemalta u, aktar tard, ta' Maltacom p.l.c.) għal pensjoni ta' servizz fil-qafas ta' dak li kien miftiehem f'Lulju tal-1975. Flimkien mas-sentenza, wieħed irid iqis ukoll il-provvedimenti meħuda minn dik il-Qorti wara l-għoti tas-sentenza. L-atturi jirreferu wkoll għal sentenza oħra biex issaħħu l-pretensjonijiet tagħhom f'din il-kawża. Hija sentenza mogħtija minn din il-Qorti (diversament presjeduta) fid-29 ta' Marzu, 2011, fil-kawża fl-ismijiet "*Francis Paris et vs Go p.l.c.*"[34] (aktar 'il quddiem imsejħa "s-sentenza tal-2011") li ma kenitx appellata. Filwaqt li Go ma tlumx il-fatt li s-sentenza tal-Appell għandha piż rilevanti fid-determinazzjoni tal-pretensjonijiet tal-atturi f'din il-kawża, tisħaq li s-sentenza tal-2011 ma toħloq l-ebda ġudikat bejnha u l-atturi dwar il-kwestjoni tal-pensjoni u l-imsemmija pretensjonijiet tagħhom f'din il-kawża. Kemm hu hekk, jidher li s-sentenza tal-2011 kienet tirrigwarda l-kwestjoni jekk l-iskema mfassla kenitx tippermetti sitwazzjoni fejn il-ħaddiem li jkun irtira jista' jagħżel li ssir kommutazzjoni, jiġifieri li parti mill-pensjoni joħodha f'somma u parti f'rata ta' pensjoni kull xahar. Huwa fatt ukoll li joħroġ ċar li s-sentenza tal-2011 kienet ukoll qiegħda tagħti l-fehmiet tagħha fid-dawl tas-sentenza tal-Appell;

Illi aspett ieħor li jsejjes l-azzjoni tal-atturi huwa dak li mgħandhiex issir diskriminazzjoni fit-trattament mogħti bejnhom u persuni oħrajn li kienu wkoll jaħdmu ma' Go li, għalkemm ma kinux għalqu l-eta' tal-irtirar, xorta waħda ngħataw pensjoni tat-Teżor wara li kienu ġew "*boarded out*";

Illi jibda biex jingħad li, fid-dawl tad-dokumenti u l-provi l-oħrajn imressqin quddiemha, l-Qorti hija tal-fehma li l-iskema mfassla minn Go tgħodd biss għal dawk minn fost l-impjegati tagħha li, f'xi żmien, kienu impjegati ta' C&W u li wara ddaħħlu bħala ħaddiema tal-Korporazzjoni

[33] Ċitazz. Nru. 480/02TM Dok "B", f'paġġ. 9 sa 52 tal-proċess
[34] Rik. Nru. 1176/09JZM, Dok "Ċ", f'paġġ. 55 sa 110 tal-proċess

Telemalta li twaqqfet fl-1975 biex twettaq il-funzjonijiet u s-setgħat ta' C&W. Din il-fehma toħroġ mill-isem mogħti lill-iskema nnifisha u kif ukoll mid-dispożizzjonijiet tagħha li jitkellmu dwar min huwa eliġibbli għaliha[35]. Fil-każ li l-Qorti għandha quddiemha llum, din il-kwalifika tgħodd għall-atturi lkoll għaliex kollha kemm huma jaqgħu fil-kategorija ta' persuni li ddaħħlu mal-Korporazzjoni Telemalta fl-1975 minn ħdan l-impjegati ta' C&W (illi fl-iskema hija msejħa "*Former Employer*"). Ma jidhirx li lanqas hemm dubju dwar il-fatt li lkoll kemm huma bdew il-ħajja tax-xogħol tagħhom qabel il-15 ta' Jannar tal-1979. Kif lanqas ma hemm kwestjoni dwar l-għadd ta' snin li kull wieħed minnhom dam jaħdem qabel, b'mod jew b'ieħor, intemm l-impjieg tiegħu. Dak it-tul ta' żmien fl-impjieg – jiġifieri minn tal-anqas għaxar (10) snin ma jaqtgħux bejn impjieg ma' C&W, Korporazzjoni Telemalta, Maltacom u Go – kien element meħtieġ biex ħaddiem ikun eliġibbli għal pensjoni li titqabbel ma' dik li huma eliġibbli għaliha impjegati fis-servizz pubbliku[36];

Illi madankollu, bis-saħħa tas-sentenza tal-Appell, il-jedd għall-ħlas ta' pensjoni ta' servizz taħt l-iskema miftiehem fit-23 ta' Lulju tal-1975, lil kull min ikun jistħoqqlu jieħu taħtha għandu jitfisser li ingħata b'seħħ b'lura mill-1 ta' Jannar ta' dik l-istess sena lil kull min kien impjegat ta' C&W u baqa' hekk impjegat ma' Go sa ma rtira mill-impjieg tiegħu, seħħ meta seħħ l-istess irtirar;

Illi issa li ssemmew il-punti preliminari li fuqhom din il-Qorti trid issejjes il-konsiderazzjonjiet tagħha u tasal biex tqis is-siwi tat-talbiet attriċi jew tal-eċċezzjonijiet imqajmin kontrihom, jidher li l-kwestjonijiet involuti huma tlieta. L-ewwel kwestjoni hija jekk kemm-il darba l-atturi jistħoqqilhomx jirċievu pensjoni taħt l-iskema ekwivalenti għal dik tat-Teżor b'seħħ minn meta għaddew "*board*". It-tieni kwestjoni hi jekk l-atturi ġarrbux tabilħaqq trattament differenti minn jew diskriminatorju meta mqabbel ma' dak mogħti lil ħaddieħor fl-istess qagħda tagħhom. It-tielet kwestjoni tirrigwarda minn meta l-atturi jistħoqqilhom jirċievu l-pensjoni tagħhom;

Illi **dwar l-ewwel kwestjoni** l-atturi jgħidu li l-pensjoni għandha tingħatalhom sa minn dakinhar li huma ġew dikjarati bħala "*boarded out*" u mhux minn dakinhar li laħqu l-eta' tal-irtirar. Din il-kwestjoni tolqot uħud biss mill-atturi – jiġifieri l-atturi Borġ, Cachia, Mock, Spiteri u Tabone – li lkoll kienu "*boarded out*" għal raġunijiet mediċi qabel ma kienu laħqu l-eta' ta' sittin sena. Huma jgħidu li jistħoqqilhom li jitħallsu l-pensjoni mid-data ta' meta kienu hekk ġew "*boarded out*" u mhux minn meta laħqu jew kellhom jilħqu l-eta' pensjonabbli. Dan jisħquh għaliex

[35] Klawsola 5A(a) u (b) tal-iskema.
[36] Klawsola 5A(ċ) tal-iskema

jgħidu li f'każijiet oħrajn ta' impjegati ta' Go li kienu "*boarded out*", dawn kienu ibbenefikaw mill-ħlas ta' pensjoni tat-Teżor b'seħħ minn meta kienu hekk dikjarati u mhux minn meta laħqu l-eta' pensjonabbli;

Illi, min-naħa tagħha, Go tmieri din il-pretensjoni billi tgħid li l-ħames atturi msemmija ma jistgħux jippretendu li jieħdu l-pensjoni b'seħħ minn meta kienu dikjarati bħala mhux tajbin aktar għax-xogħol, u dan għaliex ilkoll kemm huma kienu diġa' rtiraw mill-impjieg (taħt skemi ta' rtirar volontarju) sa minn żmien qabel ma kienu misjuba mhux tajbin aktar għax-xogħol. Iżżid tgħid ukoll li fil-każ tal-ebda wieħed mill-imsemmija ħames impjegati ma kienet imdaħħla fil-proċess biex jinstabu mhux tajbin aktar għax-xogħol u lanqas biss għarrfuha b'dak li kien għaddej sa ma d-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali kien sab li jistħoqqilhom jieħdu l-Pensjoni tal-Invalidita';

Illi mill-provi ħareġ li tabilħaqq fil-każ tal-imsemmija ħames atturi dawn kollha kienu nqdew bl-offerta ta' rtirar volontarju mill-impjieg qabel l-eta' ta' rtirar, u li wara li għamlu dan nedew proċeduri mad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali biex jingħataw il-Pensjoni tal-Invalidita'. Huwa minnu wkoll, li meta ressqu t-talbiet tagħhom mad-Dipartiment ma daħħlux lil Go fil-proċedura u lanqas għarrfuha b'dak li kienu għamlu[37]. Dan sar fir-rigward tal-imsemmija ħames atturi kollha[38];

Illi l-imsemmija atturi jisħqu li meta rtiraw mill-impjieg ma' Go, huma kienu żammew bla mittiefsa l-jeddijiet tagħhom għall-pensjoni taħt l-iskema;

Illi l-Qorti hija tal-fehma li l-pretensjoni tal-atturi mhijiex mistħoqqa u ssib li ladarba huma kienu għażlu li jirtiraw mill-impjieg minn ma' Go taħt skema volontarja ta' rtirar, ma jistgħux jistennew li d-data tat-temm tal-impjieg tagħhom kellha tkun oħra minn dik. Bla ħsara għal dak li sejjer jingħad 'il quddiem fir-rigward tat-tielet kwestjoni, l-atturi ma jistgħux jagħmlu tgħodd għalihom id-dispożizzjoni tal-artikolu 7(1)(e) tal-Ordinanza meta ħareġ li ċ-ċirkostanza tas-sejbien tal-qagħda medika tagħhom li ma tagħmilhomx tajbin aktar għax-xogħol kienet ġrat żmien wara li huma kienu rtiraw. Il-Qorti hija tal-fehma li t-tifsira xierqa li trid tingħata lill-imsemmi artikolu tal-liġi jmissha tkun li biex tagħti lok għall-ħlas tal-pensjoni, is-sejbien tal-kundizzjoni medika trid tkun **il-kawża** tat-temm tas-servizz tal-impjieg ta' dak l-uffiċjal pubbliku u mhux sempliċi ċirkostanza li tkun verifikata wara li l-impjieg ikun intemm għal xi raġuni oħra. Din il-fehma tidher li hija msaħħa bix-xhieda ta' Grace Micallef

[37] Xhieda tal-attur Alfred Spiteri 19.2.2013, f'paġ. 334 tal-proċess
[38] Ara verbal tas-smigħ tad-19.2.2013, f'paġ. 335 tal-proċess

mid-Dipartiment tal-Pensjonijiet meta qalet li r-riżenja volontarja tal-uffiċjal twassal għal riperkussjonijiet partikolari fir-rigward tal-"*boarding out*" jew tal-kriterju tal-"*break of service*"[39];

Illi, b'żieda ma' dan, il-Qorti tqis li s-sejbien tal-Bord li l-imsemmija ħames atturi ma kinux jistgħu jaħdmu minħabba raġunijiet mediċi kienet, għall-finijiet tal-impjieg tagħhom ma' Go, raġuni mhux aktar rilevanti għall-finijiet tar-rabta kuntrattwali tagħhom mal-istess kumpannija, ladarba huma kienu temmew dik ir-rabta b'rieda ħielsa tagħhom billi nqdew bl-iskema tal-irtirar qabel il-waqt qabel ma tqanqlet il-kwestjoni medika tagħhom. Filwaqt li l-Qorti tista' tapprezza li l-atturi msemmija nqdew b'dak li tagħtihom il-liġi biex itejbu l-qagħda previdenzjali tagħhom, ma tistax taqbel magħhom, madankollu, li ċirkostanza meħuda minnhom u fuq inizjattiva personali wara li kienu ntrabtu bil-ftehim tal-irtirar qabel il-waqt (u għalhekk temmew ir-rabta ta' mpieg li seta' kellhom) tibdel dak il-ftehim b'mod unilaterali u tisposta t-termini tal-istess ftehim;

Illi fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti ma ssibx li l-**ewwel talba attriċi** hija mistħoqqa u mhix sejra tilqagħha u ssib li l-imsemmija atturi Borġ, Cachia, Mock, Spiteri u Tabone jistħoqqilhom li jirċievu l-pensjoni tagħhom skond l-iskema b'seħħ mill-eta' pensjonabbli. Dan ifisser li l-Qorti lanqas ma hija sejra tilqa' **t-tieni u t-tielet talbiet attriċi** minħabba li dawn jiddependu mill-ewwel talba u joħorġu minnha;

Illi **dwar it-tieni kwestjoni** l-atturi jisħqu li ċ-ċaħda tat-talba tagħhom biex jingħataw il-pensjoni b'seħħ minn meta kienu medikament "*boarded out*" tikkostitwixxi trattament diskriminatorju. Huma jgħidu li impjegati oħrajn ta' Go li kienu nstabu medikament mhux tajbin għax-xogħol u ġew "*boarded out*", xorta waħda kienu ngħataw il-pensjoni b'seħħ minn meta kienu hekk dikjarati;

Illi huwa prinċipju aċċettat li meta titqajjem kwestjoni ta' trattament diskriminatorju, l-persuna li tħoss li ġarrbet trattament bħal dak trid turi li ħaddieħor li kien f'qagħda tixbah lil tagħha ingħata trattament differenti u, x'aktarx, aħjar milli tkun ingħatat hi. Jekk dan ma jsirx, ma jistax jingħad li jkun sar trattament diskriminatorju, wkoll jekk dak li jsir ma jkunx mija fil-mija jaqbel mal-proċedura stabilita;

Illi wara li l-Qorti fliet b'reqqa l-provi li kellha quddiemha fid-dawl tal-ilment tal-atturi, sabet li tassew li kien hemm impjegati ta' Go li daħlu għall-iskema ta' rtirar wara li kienu medikament "*boarded out*"[40].

[39] Xhieda tagħha 5.6.2012, f'paġġ. 242 u 244 tal-proċess
[40] Ara d-Dokti "ACA" u "AC1", f'paġġ. 254 *et seq* u 318 tal-proċess

Madankollu, ma hemm l-ebda xebh maċ-ċirkostanzi tal-imsemmija ħames atturi. Dan qiegħed jingħad għaliex fil-każ tal-impjegati l-oħrajn, is-sejbien tal-qagħda medika sar minn Bord imwaqqaf minn Go innifisha u dak is-sejbien kien **il-kawża** tat-temm tas-servizz tal-persuni konċernati li, mbagħad, bi qbil ma' Go resqu għall-ftehim ta' irtirar qabel il-waqt. Fil-każ tagħhom ilkoll, is-sejbien tal-'Go Medical Board' ippreċeda d-data tat-temm tas-servizz tagħhom minn ma' Go. B'hekk ġie li r-raġuni tat-temm tal-impjieg kienet tabilħaqq il-qagħda medika ta' kull wieħed u waħda minnhom u r-raġuni li wasslet għall-irtirar tagħhom mill-impjieg qabel ma laħqu l-eta' tal-irtirar. Fil-każ tal-imsemmija ħames atturi, ġara l-kontra;

Illi għalhekk il-kawżali tad-diskriminazzjoni mqajma mill-atturi ma ġietx ippruvata b'mod ieħor tajjeb biżżejjed li bih il-Qorti tista' tibdel il-fehma tagħha dwar is-siwi tal-ewwel talba attriċi lanqas fuq dan l-ilment;

Illi **dwar it-tielet kwestjoni** jibda biex jingħad li l-iskema tagħmilha ċara li b'"eta' pensjonabbli" wieħed jifhem dakinhar meta l-impjegat jagħlaq il-wieħed u sittin (61) sena jew eta' ogħla li tista' tkun stabilita mil-liġi[41]. Min-naħa l-oħra, l-Ordinanza ssemmi bħala eta' pensjonabbli l-għeluq ta' eta' anqas minn wieħed u sittin sena, imma ġeneralment l-eta' ta' sittin (60) sena[42]. L-atturi jisħqu li ladarba skond is-sentenza tal-Appell l-iskema kellu jkollha bħala l-qafas tagħha wħud mid-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza, u fosthom jissemma l-artikolu 7 tagħha, b'dan ifisser li Go ma setgħetx tqis eta' pensjonabbli li ma taqbilx ma' dik li tistabilixxi l-istess Ordinanza;

Illi hawnhekk terġa' tqum il-kwestjoni tat-tifsira li trid tingħata s-sentenza tal-Appell. L-atturi jisħqu li dik is-sentenza għamlitha ċara li l-iskema ta' pensjoni li Go kienet ordnata tniedi kellha tkun tixbah dik li tgħodd għall-impjegati tas-servizz pubbliku u li kellha tieħu in konsiderazzjoni xi wħud mid-dispozizzjonijiet tal-Ordinanza, fosthom l-artikolu 7 tagħha;

Illi Go tgħid li l-iskema twettaq dak ordnat bis-sentenza tal-Appell u li jekk kemm-il darba l-atturi jidhrilhom li l-pensjoni għandhom jedd joħduha minn meta jagħlqu s-sittin (60) sena minflok il-wieħed u sittin (61) sena kif stabilit fl-iskeda, imisshom iressqu azzjoni *ad hoc*. Hija tisħaq li lil kull wieħed mill-ex-impjegati tagħha li għalih tgħodd l-iskema, l-ħlas tal-pensjoni bdiet teffettwah meta l-ex-impjegat għalaq il-61 sena;

[41] Klawsola 4 tal-iskema
[42] Art. 7(1)(a)(i) tal-Kap 93

Illi l-Qorti tagħraf li l-iskema tistabilixxi data ta' eta' pensjonabbli jew tal-irtirar li hija ogħla minn dik stabilita fl-artikolu 7(1)(a) tal-Ordinanza. Jista' jkun minnu wkoll (għaliex ma nġabet l-ebda prova kontra jew favur) li Go s'issa dejjem ħaddmet l-għoti tal-pensjoni taħt l-iskema mal-għeluq tal-61 sena. Dan, madankollu, ma jżommx lil din il-Qorti milli tistħarreġ jekk l-atturi jgħidux sewwa meta jippretendu li jmisshom jieħdu pensjoni taħt l-iskema sa minn meta għalqu s-sittin sena. Għall-Qorti, dan l-istħarriġ tar-**raba', l-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet** attriċi jikkostitwixxi sewwasew l-azzjoni "ad hoc" li Go teċepixxi li l-atturi jmisshom ressqu biex jattakkaw l-iskema;

Illi l-Qorti qiegħda żżomm quddiem għajnejha li s-sentenza tal-Appell illum toħloq ġudikat u ma jidhirx li għad hemm xi pendenzi oħrajn ġudizzjarji marbutin magħha. Dik is-sentenza allura torbot ukoll il-konsiderazzjonijiet li din il-Qorti trid tagħmel dwar dawn it-talbiet attriċi;

Illi waħda mill-kwestjonijiet imqanqlin u dibattuti fit-tul bejn il-partijiet fil-kawżi li wasslu għal din kienet it-tifsira li riedet tingħata tas-sura li kellha tieħu l-iskema ladarba titwaqqaf. Għalkemm fis-sentenza tal-Appell jingħad li l-iskema kellha tixbah ("tkun simili") dik imnedija mill-Gvern, madankollu f'dik is-sentenza jingħad ukoll li "l-iskema tal-pensjoni trid tinkorpora l-artikoli bażiċi u oriġinali tal-Ordinanza". Issemmi wkoll id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 6, 7, 10, 12 u 13 sa 18 tal-Ordinanza. Band'oħra s-sentenza (fil-parti dispożittiva tagħha) tuża l-kelma "tikkomprendi". Din il-frażi, fil-fehma meqjusa tal-Qorti, tfisser li l-klawsoli tal-iskema riedu jirriflettu u mhux biss iqarrbu jew jixbhu dawk id-dispożizzjonijiet;

Illi meta tqabbel dawk il-provvedimenti tas-sentenza tal-Appell mal-kliem tal-klawsola 8.1 tal-Ftehim Kollettiv tat-23 ta' Lulju, 1975, il-Qorti tasal għall-fehma li l-atturi għandhom raġun jippretendu li l-iskema tal-pensjonijiet imwaqqfa minn Go għandha tkun tgħodd minn meta impjegat jagħlaq l-eta' ta' sittin (60) sena. Issa, skond l-artikolu 7 tal-Ordinanza, l-eta' tal-irtirar ta' sittin sena hija l-ogħla eta' fost dawk maħsuba fl-istess artikolu bħala l-eta' li minnha 'l quddiem uffiċjal ikollu l-jedd li jieħu pensjoni tal-irtirar (bla ħsara dwar jekk ikunx tilef il-jedd għaliha jew għal xi sehem minnha taħt xi dispożizzjoni oħra tal-istess Ordinanza);

Illi għalhekk, il-Qorti ssib li safejn l-iskema tistabilixxi eta' pensjonabbli ogħla minn dik stabilita fl-Ordinanza, l-iskema ma hijiex qiegħda twettaq dak li kien ordnat li jsir fis-sentenza tal-Appell. Jew, biex jingħad mod ieħor, ladarba s-sentenza tal-Appell rabtet il-kundizzjonijiet mad-

dispożizzjonijiet tal-Ordinanza, l-atturi ma jagħmlu xejn ħażin li jinsistu li jistrieħu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Ordinanza biex jieħdu dak li jistħoqqilhom;

Illi l-atturi sostnew il-pretensjonijiet tagħhom taħt dawn it-talbiet billi ressqu prospett maħdum relattivament għal kull waħda mill-kawżali mressqa minnhom f'din l-azzjoni tagħhom u riferibbilment għal kull wieħed minnhom. Go ma meriet xejn minn dawn il-konteġġi u l-Qorti, għal kull bwon fini, qisithom fid-dawl tal-kriterji maħsuba għall-kalkoli magħmula. Il-Qorti sejra għalhekk taċċetta dawk il-konteġġi bħala somom pruvati kif imiss. Naturalment, dan qiegħed jingħad b'riferenza għal dawk il-pretensjonijet li jirrigwardaw l-aħħar erba' talbiet attriċi u sejra tiskartahom (għar-raġunijiet imsemmijin qabel) dwar l-ewwel tliet talbiet;

Illi għalhekk il-Qorti qiegħda tiċħad **it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet** ta' Go għaliex mhux mistħoqqa fid-dritt;

Illi f'dan ir-rigward, il-Qorti ssib li ladarba matul il-mori tas-smigħ tal-kawża kull wieħed mid-disa' atturi għalaq l-eta' ta' sittin sena, ma għadx fadal raġuni biex tistħarreġ ukoll **is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet** ta' Go bit-tħaddim tal-prinċipju tal-"*jus superveniens*";

Illi dan iwassal ukoll għall-fehma li r-raba', l-ħames, is-sitt u s-seba' talbiet attriċi huma mistħoqqa u sejrin jintlaqgħu;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

**Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni** tal-kumpannija mħarrka u b'hekk **tiċħad l-ewwel talba attriċi** billi mhijiex mistħoqqa la fil-fatt u lanqas fid-dritt;

**Tiċħad it-tieni u t-tielet talbiet attriċi** minħabba li dan huma konsegwenzjali għall-ewwel talba;

**Tiċħad it-tielet, ir-raba' u l-ħames eċċezzjonijiet** tal-kumpannija mħarrka u **tastjeni milli tqis aktar is-sitt u s-seba' eċċezzjonijiet**;

**Tilqa' r-raba' talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi Naudi, Żarb u Galea, s-somma ta' sebgħa u għoxrin elf seba' mija u tmienja u għoxrin euro u ħamsin ċenteżmi (€ 27,728.50) li tirrappreżenta sena pensjoni biex tagħmel tajjeb għad-differenza spettanti lihom stante li kellhom jedd għaliha sa minn mindu għalqu l-eta'

ta' sittin (60) sena, u liema somma għandha tinqasam bejniethom skond kif imsemmi fil-prospett Dokument "A" mehmuż mar-Rikors Maħluf;

**Tilqa' l-ħames talba attriċi** billi tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi Mock u Spiteri s-somma ta' tmintax-il elf u sittax-il euro u ħamsin ċenteżmi (€ 18,016.50) li tirrappreżenta sena pensjoni biex tagħmel tajjeb għad-differenza spettanti lihom stante li kellhom jedd għaliha sa minn mindu għalqu l-eta' ta' sittin (60) sena, u liema somma għandha tinqasam bejniethom skond kif imsemmi fil-prospett Dokument "A" mehmuż mar-Rikors Maħluf;

**Tilqa' s-sitt talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-attur Formosa s-somma ta' tlieta u tletin elf tmien mija u tmienja u tletin euro u tmienja u ħamsin ċenteżmi (€ 33,838.58) li tirrappreżenta l-gratifikazzjoni maħduma fuq kwart ($^{1}/_{4}$) tal-pensjoni multiplikata bi tnax-il darba w nofs (12.5) b'seħħ mid-29 ta' Jannar, 2012;

**Tilqa' s-seba' talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas lill-atturi Borġ, Cachia u Tabone l-pensjoni, magħduda fiha l-gratifikazzjoni, b'seħħ minn meta huma għalqu s-sittin sena; u

**Tordna** li, fiċ-ċirkostanzi tal-każ u bi tħaddim tad-dispożizzjonijiet tal-artikolu 223 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-**ispejjeż tal-kawża** jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

**Moqrija**

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------